**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 1992/2025**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Omar Joseph Trabelsi**

**Illum, 9 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Omar Joseph Trabelsi** detenur tal-karta tal-identita Maltija **329189M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-erbatax (14) il-jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elfejn hamsa u għoxrin (2025), u/jew fil-gimghat u/jew xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Talli naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati mill-Magistrat Dr. Rachel Montebello LL.D. fid-digriet tagħha, ta' nhar it-25 ta' Ottubru, 2023 u digriet/i sussegwenti.";

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-3 ta' Marzu,2025, fejn sabet l-imputat hati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu w kkundannatu ghal sitt (6) xhur priġunerija li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li ordnat ir-ri-arrest immedjat tal-imputat, ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depożitu ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600) impost bhala garanzija mill-Magistrat Dr. Rachel Montebello bid-digriet tagħha tal-25 ta' Ottubru 2023 kif ukoll tas-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) mill-ammont impost bhala garanzija personali.

Dan fuq il-konsiderazzjoni li "l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tieghu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, il-Qorti iddikjarat li m'għandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant **Omar Joseph Trabelsi,** preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-17 ta' Marzu 2025, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tikkanċella u tirrevoka s-sentenza appellata u bis-setgha lilha moghtija fl-Artikolu 428(3) tal Kodici Kriminali tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-kawża fil-mertu, jew fin-nuqqas, tvarja l-istess billi tipprovdi piena alternattiva mehlusa min kull piena ta' prigunerija w tvarja l-istess ukoll fejn l-Ewwel Qorti rrevokat il-helsien mill-arrest tal-appellant u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depożitu ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600) impost bhala garanzija mill-Magistrat Dr. Rachel Montebello bid-digriet tagħha tal-25 ta' Ottubru 2023 kif ukoll tas-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) mill-ammont impost bhala garanzija personali.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**L-ewwel motiv tal-aggravju:**

Is-sentenza ma tissodisfax rekwiżit necessarju stabbilit taht I-**artikolu 382 tal- Kodiċi Kriminali,** senjatament dik li "*tghid il-fatti li tagħhom dan ikun gie misjub hati*":

Kif inhu ripetutament affermat, "*skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n- nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.*"

Ghaldaqstant, b'dan l-agir vjolanti tal-imsemmi artikolu 382 tal-Kap. 9, il-Qorti irrendiet is-sentenza tagħha nulla u, konsegwentement, bla effett fil-konfront tal-esponenti.

**It-tieni motiv tal-aggravju**

Is-sentenza kif inhi mingħajr ma tindirizza l-fatti li tieghu l-esponenti ġie misjub hati, bi vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu 382 tal-Kap. 9, juri li l-Qorti għaddiet biex timponi I-piena mingħajr apprezzament misthoqq tal-fatti tal-każ u allura mingħajr ebda eżami ta' kemm il-ksur tal-kondizzjoni tal-helsien mill-arrest tista titqies li kienet gravi fiċ-ċirkostanza partikolari tal-każ.

Dan wassal lil-Qorti tinfliggi fuq l-esponenti piena eċċessiva u sproporzjanata ghal ksur ammess mill-imputat liema ksur evidentement ma huwiex wiehed ta' konsegwenza serja.

Tabilhaqq il-fatti kif migjuba a konjizzjoni tal-imputat mil-Pulizija Eżekuttiva, u ta' liema huwa rreġistra ammissjoni tagħhom, kienu biss li huwa naqas milli jiffirma **erba** darbiet, preċiżament fit-3 ta' Jannar, fis-7 ta' Frar, fl-14 ta' Frar, u l-11 ta' Frar ta' din is-sena.

Kif jista' jiġi apprezzat, l-imputat la naqas milli jidher ghall ordni tal-awtoritá tal-Qorti, la inheba jew telaq min Malta, la kkommetta xi delitt ta' natura volontarja u lanqas interferixxa jew prova jinterferixi max-xhieda jew b'mod iehor ntralċja jew prova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tieghu jew ta' xi persuna ohra.

Fis-sewwa il-ksur mill-imputat, ossia n-nuqqas minnu li jiffirma erba' darbiet f'dawk il-granet fuq imsemmija ma huwiex konness mar-raguni primarja li jinghata l-kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest izda huwa ta' kundizzjoni ancillari ghal helsien mill-arrest.

Kien jitlob għalhekk li l-Qorti tapplika l-proviso tal-artikolu 579(1) tal-Kap. 9 u ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew, ta' langas, ma tapplikahomx fl- intier tagħhom.

Il-Qorti iżda sfortunatement applikathom fl-intier taghhom u wkoll, b'applikazzjoni tal-artikolu 579(2) tal-Kap. 9, ikkundannat lill-esponenti ghal sitt (6) xhur prigunerija, ordnat ir-ri-arrest immedjat tiegħu, il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depożitu ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600) impost bhala garanzija mill-Magistrat Dr. Rachel Montebello bid-digriet tagħha tal-25 ta Ottubru 2023 kif ukoll tas-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) mill-ammont impost bhala garanzija personali.

Din il-kundanna hija eċċessiva u sproporzjonata meta mqabbla mal-ksur ta' ebda konsegwenza ammessa mil-imputat, jiġifieri dik li ma ffirmax fit-3 ta' Jannar, fis-7 ta' Frar, fl-14 ta' Frar, u l-11 ta' Frar ta' din is-sena.

Kif ġie ripetutament stabbilit u konfermat mil-ġurisprudenza tagħna "mhux kull ksur jitqies fuq l-istess livell ta' gravita. Dan il-kunċett huwa rifless kemm fil-Liġi kif ukoll fil-ġurisprudenza. Apparti minn hekk kwalunkwe piena inflitta wara sejbien ta' ħtija għar-reat imsemmi fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kodiči Kriminali trid jirrifletti din il gravita u tkun proporzjonata ghall-istess.

Qabel xejn, il-bazi legali l-iżjed diretta u soda f'dan il-każ tohrog mill-artikolu 579(1) kif ukoll fl-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali. Dan peress li meta l-Qorti tkun affaċċjata bl-azzjoni taħt l-artikolu 579(1) tal-Kodiči Kriminali, I-Qorti għandha

element ta' diskrezzjoni dwar il-miżuri li tista' timponi skont kif jidher mill-proviso ghall-istess:

Iżda l-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-helsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.

Hawnhekk il-Liġi qegħda tiprospetta xenarji fejn il-ksur tal kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ma jkunux ta' konsegwenza serja in kontrapposizzjoni allura ghal fejn jista' jkun hemm ksur li jkollu konsegwenza serja. Id-deċiżjoni dwar in-natura u l- entita ta' tali konsegwenza hija kwistjoni rimessi ghall-prudenza tal-Ġudikant. Din I- idea hija wkoll riflessa fl-artikolu 579(2) tal-Kodiči Kriminali fejn jingħad illi:

> *(2) Kull persuna li tonqos milli thares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih taghti l-helsien mill-arrest taht garanzija tkun hatja ta' reat u tehel, metatinsab hatja, il-piena ta' multa jew ta' prigunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew ghat multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taht garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tgis il-gravità tar-reat.*

Skont kif il-Qorti tqis il-gravita' tar-reat tindika wkoll li r-reat imsemmi f'dan is-subartikolu jista' jkollu livelli ta' gravita differenti. Għalkemm fi kliem differenti, I-idea, essenzjalment tibqa' l-istess. Mhux kull ksur tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest iwassal għall-istess konsegwenza in kwantu mhux kull ksur jista' jitqies li jirrendi r-reat fuq l-istess livell ta' gravita. Ghal darb'ohra, hija l-Qorti li għandha s setgħa tiddeċiedi li tqis il-gravita tar-reat.

Anke l-gurisprudenza kemm riċenti kif ukoll dik anqas riċenti, inkluż dik čitata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza tagħha, tishaq fuq dan l-element ta'

gradwatorja ta' gravita'. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Francis Formosa** deċiż nhar il-25 ta' Frar 2015 intqal is-segwenti:

> *L-appellant irid jiġi mfakkar l-ewwelnett illi l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest mhumiex moghtija għalxejn, u filwaqt illi l-għan principali tagħhom huwa biex jassiguraw illi dak li jkun jidher il-Qorti kull meta jigi jitlub jagħmel dan, hemm kundizzjonijiet li dwarhom isiru konsiderazzjonijiet oħra, per eżempju biex jiġi assigurat li xhieda ma jiġux avviċinati. Irid jiġi mfakkar ukoll illi d-digrieti tal-Qorti, u f'dan il-każ il-kundizzjonijiet li tahthom ġie akkordat il-helsien mill-arrest imsemmi ta' l-1 ta' Settembru 2014 u li huwa obbliga ruhu li joqgħod ghalihom bil-firma tad-dikjarazzjoni appożita, għandhom jiġu osservati skrupolożament u ad litteram. Naturalment il piena konsegwenzjali ghall-ksur ta' tali kundizzjonijiet għandha tkun proporzjonata ghall-ksur.*

Fil-każ deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Gatt vs Malta** fis-27 ta' Lulju 2010 (finali fis-27 ta' Ottubru 2010) fejn l-imsemmi Gatt kien kiser il-kundizzjoni ta' curfew fokkażjoni wahda u ġie applikat l-artiku 579(1) tal-Kap. 9 li permezz tiegħu ġie revokat il-helsien mill-arrest u kkundannat ihallas il-garanzija totali ta' €23,300 liema somma ma hallasx u ġiet konvertita f'detenzjoni skond 1-artikolu 586 tal-Kap. 9, dik il-Qorti osservat:

> *"The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, and conditions related to other considerations. However, it gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of conditions was not of a serious nature. In the present case, where the condition breached referred to a curfew and was not connected to the primary purpose of granting bail, the Court has difficulty in understanding the authorities' decision to apply the relevant Article."*

Fil-każ odjern, fejn l-appellant tressaq akkużat bir-reat kontemplat fis subartikolu (2) ta' l-artikolu 579, bħal fil-każ **Gatt vs Malta**, si trattava ta' ksur ta' curfew, fejn l-appellant instab barra darba fid-9.00 p.m., cioe' fil-hin li suppost kellu jinstab id-dar. Huwa ġie kkundannat tliet xhur priġunerija. L ewwel Qorti għażlet li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha billi ukoll tirrevoka d digriet ta' helsien mill-arrest u tordna l konfiska tas-somma ta' €4,400. 14. Jirriżulta illi l-appellant kien ilu biss xahar u tliet gimghat li kien ingħata l-helsien mill-arrest meta ghoġbu jonqos milli josserva 1-curfew. Mill-fedina penali aggornata tiegħu jidher, almenu prima facle, illi huwa kien instab hati fuq ksur simili f'okkażjoni ohra - sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Ġunju 2013 fejn ġie kkundannat multa ta′ €600. Jiġifieri l-appellant kien jaf illi bil-ksur ta' xi kondizzjoni tal-helsien mill-arrest kien qiegħed jikkommetti reat u kien hemm konsegwenzi għal tali ksur, apparti milli wera non-kuranza ghal digriet tal-Qorti. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet gustifikata illi tinfliggi I-piena ta' tliet xhur prigunerija. Fl-istess hin, kif diġa ngħad, irid jinżamm sens ta' proporzjonalita. Hawn din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' April 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) v. Kevin Gatt**:

> *"Is-subartikoli (2) sa (4) tal-Artikolu 579-introdotti, kif inghad, permezz ta' l-Att XVI ta' 1-2006-biddlus-sitwazzjoni billi, oltre ghall procedura stabbilita fis-subartikolu (1) ta' 1-Artikolu 579, introducew procedura gdida. Illum il-ksur ta' kundizzjoni imposta mill- qorti fid digriet li bih tkun tat il-helsien mill-arrest jammonta wkoll ghal reat. Bhal f'kull reat il-konsegwenza hija piena. Din il-piena tista' tkun jew dik biss indikata fis- subartikolu (2) - multa jew prigunerija, jew multa u prigunerija flimkien - jew tista' tinkludi wkoll it-telfien tal-helsien mill-arrest (izda mhux il-konfiska tas-somma) fil- proceduri li fihom il hati jkun inghata l-helsien mill-arrest preventiv. Jinghad "tista" ghax il-legislatur ta l-fakolta lill-Pulizija li meta jressqu lill-imputat jew akkuzat-dan irid jitressaq dejjem taht arrest - talli kiser xi wahda mill kundizzjonijiet imposti mill- qorti, huma jistghu wkoll jitolbu "fl-istess procedimenti...ir-revoka tal-helsien mill- arrest u l-arrest mill-gdid ta' dik il-persuna" (sottolinear ta' din il-Qorti). U jaghmel hafna sens li jkun hemm dik il-fakolta ghax filwaqt li kull ksur ta' kundizzjoni tal qorti, zghir kemm ikun zghir dək il-ksur, jammonta wkoll ghal reat, ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-persuna in*

*kwistjoni jibqa' dejjem applikabbli l- proviso tas-subartikolu 579(1). Fi kliem iehor, jista' jkollok sitwazzjoni fejn l-imputat jew akkuzat li kien inghata l-helsien mill-arrest jinstab hati ta' ksur ta' kundizzjoni mposta mill-qorti u jinghata l-piena skond il-ligi, izda, minhabba li l-ksur tal kundizzjoni ma tkunx ta' konsegwenza serja, ma jkunx hemm lok ghar revoka tal- helsien mill-arrest. Kjarament il-legislatur qed jikkontempla bhala "piena" addizzjonali ghar-reat ta' ksur ta' kundizzjoni tal-qorti - u meta jittiehdu l-proceduri skond is-subartikoli (2) u (3) ta' l-Artikolu 579-ir-revoka tal-helsien mill-arrest bil-konsegwenti arrest mill gdid."*

Fil-każ in eżami, meqjusin dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti ma tgisx illi kien hemm lok tal-piena "addizzjonali" tar-revoka tal-helsien mill-arrest u tal-konfiska tal-garanzija (li, minbarra l-konfiska tas-somma depożitata ta' €400 kien jimporta wkoll il-konfiska tas-somma ta' €4,000 li, jekk l-appellant ma jhallasx, kienet tigi konvertita f'sitt xhur detenzjoni skond il-proviso ta' l-artikolu 586 tal-Kap. 9).

Inoltre, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Stefan Muscat** deċiż fl-20 t'Ottubru 2020 intqal hekk:

Illi fit-tielet (3) aggravju l-appellant jissottometti li l-iskop primarju u principali tal-bail huwa essenzjalment wiehed, li l-persuna tidher ghal kull att tal procediment. Li sal-mument tas-sentenza huwa ghadu prezunt innocenti minkejja l-akkuzi illi jkunu saru kontra tieghu. Il-garanzija li trid tinghata u anke l- kundizzjonijiet huwa biex proceduralment ma jkunx hemm hsara ghall-process kriminali li jkun gust pero' fl-istess waqt, ma jipprivax il persuna preventivament mill-liberta' tieghu. Jissottometti li l-ksur li huwa wettaq ma huwiex wiehed ta' natura serja stante li ma huwiex konness ma raguni primarja li jinghata l- kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest izda l-ksur huwa ta' kundizzjoni ancillari ghal helsien mill-arrest. L-appellant jirreferi ghal gurisprudenza u jissottometti li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-appellant jirrileva li minkejja li l-piena li nghatat tidhol taqa' b'mod gust u kwadru fil-parametri legali, li l-Qorti tal- Magistrati ma ddecidietx bizzejjed fl-analizi tan-natura tal-ksur imwettaq minnu u ghalhekk fic-cirkostanzi tieghu fil-kaz specifiku. Jissottometti li l-Qorti ghandha tqis in-natura tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest us serjeta' oggettiva taghhom. Ghalhekk l-appellant jemfasizza li l-ksur li wettaq, filwaqt

li jibqa' ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, ma jistax jitqies li jifforma parti mill-kundizzjonijiet ewlenin tal-helsien mill-arrest. Jaghmel referenza ghal piena li imponiet I-Ewwel Qorti u jissottometti li sforz il-qaghda finanzjajra tieghu zghazugh ta' dsatax-il sena li ghadu kemm jibda jahdem, is-sentenza minkejja li ma fijiex l-impozizzjoni ta' piena ta' habs effettiva fir-realita' habs ser tkun tfisser ghall-appellant. Din il-Qorti tqis li huwa minnu li l-appellant ma giex akkuzat li kiser kundizzjonijiet principali moghtija fid-digriet ghal helsien mill-arrest bhal li jirraporta I-Ghassa jew ma dehrx quddiem il-Qorti, izda gialadarba li huwa kiser l-ordni ta' protezzjoni ifisser li kkommetta reat volontarju. II-ligi taht I artikolu 579(2) u 579(3) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma taghmilx distinzjoni bejn kundizzjonijiet u ohra ai fini ta' piena. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Hubert Cini) Vs Christian Bonello'** gie meqjus:

'Illi huwa minnu illi f'dan il-kaz l-ammont tal-garanzija ta' €10,200 huwa wiehed ferm oneruz, sabiex b'hekk il-piena inflitta fuq l-appellant teccedi bil-kbir l-ghoxrin xahar prigunerija imposta fuqu. Illi I-Qorti Ewropeja ghad- Drittijiet tal-Bniedem kellha okkazzjoni tesprimi l-fehma taghha dwar din id- disposizzjoni tal-ligi u dan sahanitra qabel l-introduzzjoni tal-emenda li permezz taghha mhux biss il-legsilatur ma giex in konformita' ma' din il- fehma anzi ghamel bil-maqlub tad-direzzjoni moghtija mill-Qorti Ewropeja. Illi fil-kaz **Gatt vs Malta** deciza fis-27 ta' Ottubru 2010 (applikazzjoni numru 28221/08) gie deciz hekk:

> "*The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, and conditions related to other considerations. However, it gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of conditions was not of a serious nature. In the present case, where the condition breached referred to a curfew and was not connected to the primary purpose of granting bail, the Court has difficulty in understanding the authorities' decision to apply the relevant Article. In this light, the Court finds it relevant to point out that in the absence of proper guidelines as to the exercise of discretion under Article 579, or of a distinction between breaches of conditions relating to the primary purpose of bail and other considerations, Maltese law is deficient in that it can lead to arbitrary and disproportionate results.*"

Illi dan il-hsieb tal-Qorti Ewropeja gie imbaghad applikat fil-kawza **John Grima vs Avukat Generali** decize fis-16 ta' Marzu 2011 mill-Qorti Kostituzzjonali fejn inghad:

".. meta jigi ppruvat li l-imputat jew l-akkuzat kiser xi wahda jew aktar mill-obbligazzjonijiet imposti fuqu, ghandu jkun ghall-Qorti tiddeciedi, skont il-gravita tal-kaz, ghandhiex tordna li s-somma kollha jew parti (kif hi tistabilixxi) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta. B'dan il-mod, il-Qorti tkun tista' tevita li jirrizultaw "elements of shocking disproportionality" li kien il-hsieb wara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' Lawrence Gatt imsemmi, u dan konformament ma' dak li jrid l-Artikolu 5(1)(b) tal- Konvenzjoni Ewropeja u l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li trid li ghandu jkun hemm element ta' proporzjonalita bejn il- privazzjoni tal-liberta u t-twettiq tal-obbligu preskritt mil-ligi. Kif inhi 1-ligi taghna llum la hemm 'ceiling' ta' kemm wiehed jista' jehel prigunerija, u lanqas hemm mod kif tigi assessjata l- proporzjonalita"." Illi, kif inghad, illum bl-emendi li dahhlu fis-sehh permezz ta'l-Att VIII tal- 2015 dina id-distinzjoni madanakollu mhux biss ma saritx mill-legislatur, izda dahhlet "blanket provision li ma thalli l-ebda diskrezzjoni iktar f'idejn il Qorti billi l-konfiska tal-garanzija jew depozitu ghandha issir tassattivament dejjem immaterjalment jekk il-ksur ikunx wiehed serju jew de minimis. Illi f'dan il-kaz l-att vjolattiv li wassal ghan-nuqqas ta' osservanza ta' wahda mill-kundizzjonijiet imposta fuq l-appellant ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest kien wiehed serju, kif irrimarkat l-Ewwel Qorti fis-sentenza impunjata. Dan ghaliex l-appellant ikkometta reat iehor meta kien marbut fil- kundizzjoni numru 4 tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tal-31 ta' Lulju 2018 sabiex ma jikkomettiex reat iehor ta' natura volontarja filwaqt li jkun mehlus mill-arrest. Dan maghdud, madanakollu, il-Qorti xortawahda hija tal-fehma illi l- piena kif mahsuba illum ghar-reat li jitkellem dwaru l-artikolu 579(2) tal- Kodici Kriminali huwa ferm oneruz li ma jhalli ebda diskrezzjoni f'idejn il- Qorti tant illi l-appellant jiffaccja zewg pieni ghat kummissjoni tal-istess reat, dak tal multa u/jew il-prigunerija u wkoll dak tal-konfiska ta' ammont ta' flus li jista' jkun wiehed sostanzjali u li jekk ma jithallasx jigi konvertit f'terminu iehor ta' prigunerija skont il-ligi. Mhux biss izda din il-piena tista' tkun vjolattiva tad drittijiet fondamentali tal-persuna akkuzata u misjuba hatja bi vjolazzjoni tal artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzoni Ewopeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u (element ta' proprozjonalita' li għandu jigi mhares bejn l-att vjolattiv u l-piena imposta ghal dik il-vjolazzjoni, fatti li din il-qorti hija prekluza milli tindirizza billi tezorbita 1- kompetenza taghha, kompetenza li hija mhollija unikament f'idejn il-qrati kostituzzjonali.

Apparti minn hekk, gurisprudenza anke iżjed antika minn hekk kienet ukoll turi li l-kwantum tal-piena tal-priġunerija kien ukoll jiddependi mill-gravita tal-ksur meqjusa

skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. Hekk per eżempju, fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Fabio Psalla tas-27 ta' Settembru 2012 il-Qorti kienet hadet konjizzjoni ta' elenku ta' sentenzi msemmija mill-appellant li juru bejn wiehed u iehor il pieni li kienu jingħataw ghal dawn ir-reati fi żmien qabel ma kienu ġew miżjuda I-minimu u l-massimu tal-pieni erogabbli fl-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali. Inghad hekk:

Analizi tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna turi kif l-ebda persuna ghax naqset milli tiffirma l-bail book ghal ftit aktar minn xahar ma wehlet piena ta' sitt xhur prigunerija. Anzi jidher l-oppost fejn ghal vjolazzjonijiet hafna aktar gravi, l-piena nflitta kienet ferm aktar miti, fosthom u mhux biss:

**Il-Pulizija v. Italo Grech**-deciza fl-14 ta' Dicembru 2006 - kiser il-kundizzjoni tar rinkazar-piena ta' xahar prigunerija.

**Il-Pulizija v. Andre Francois Buhagiar** deciza fl-4 ta' Mejju 2007 - avvicina lil parti leza piena ta' xahar prigunerija.

**Il-Pulizija v. Michel Abou Haidar** - deciza fid-9 ta' Awwissu 2007 - harab minn Malta ghal perijodu ta' sittax-il (16) xahar - piena erba' xhur prigunerija.

**Il-Pulizija v. Lorraine Vella** deciza fis-27 ta' Settembru 2007 - naqset milli tiffirma kuljum ghal perijodu ta' ftit aktar minn xahar - piena multa ta' Lm100.

**Il-Pulizija v. Christopher Scerri** - deciza fl-1 ta' Novembru 2007 - kiser il-kundizzjoni tar-rinkazar - piena xaharejn prigunerija.

**Il-Pulizija v. Aaron Cassar**-deciza 02.07.08-naqas li jkompli jiffirma - piena ta' tlett xhur prigunerija.

**Il-Pulzija v. Charlot Calleja** deciza 12.09.08 riabilitazzjoni mid-droga- piena seba' t'ijiem prigunerija ma ghamilx il-program ta' droga.

**Il-Pulizija v. Etienne John Scicluna** - deciza 29.10.09 - siefer bla permess tal-Qorti - piena hames xhur prigunerija.

Minkejja l-isforzi li saru mid-Difiża fl-appell kriminali Fabio Psaila, il Qorti xorta wahda hasset li kellha tikkonferma s-sentenza appellata ta' sitt xhur priġunerija li kienet erogat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ewwel lok.

Jibqa' l-fatt pero li bħala regola, minkejja l-bidliet li sehhew fil-Ligi Maltija matul dawn l- ahhar sittax il-sena b'mod partikolari fil-kamp tal-konfiska tal-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest - żammew quddiem għajnejhom il-prinċipju ta' differenza fil-gravita tal-ksur tal kundizzjonijiet, almenu meta ġew biex jerogaw il-piena. F'dan is sens allura l- appellant ghandu raġun jgħid li l-Qorti ghandha setgħa tiddetermina l-livell tal-gravita tar- reat-li allura tehtieġ analizi ta' kemm il-ksur tal-kondizzjoni tal-helsien mill-arrest tista' titqies li kienet gravi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. F'dan is-sens dan I aggravju jimmerita li jigi milqugh u sejjer ikun rifless f'din is sentenza." (**<u>Il-Pulizija vs Paul Farrugia</u>**, Qorti tal-Appell Kriminali per Imhallef Aaron M. Bugeja, 20 ta' Settembru 2022).

16. B'applikazzjoni għal kunsiderazzjonijiet legali u fattwali ċitati f'din is-sentenza johrog iktar milli ampju li fis-sentenza hawn attakkata, kif inhi mingħajr ma tindirizza l-fatti li tiegħu l-esponenti ġie misjub hati, bi vjolazzjoni tal-istess artikolu 382 tal-Kap. 9, il- Qorti naqqset mill-obbligu tagħha li tagħmel apprezzament misthoqq tal-fatti tal-każ u n-natura ta' ebda konsegwenza serja tal-ksur tal-kondizzjoni tal-helsien mill-arrest.

F'dan ir-rigward l-esponenti appellanti anke sahaq li n-nuqqas li jiffirma kien riżultat ta' problemi ta' saħħa li ma hallewx f'qagħda li jista jiffirma. Huwa talab ukoll li jittiehed fil-post fejn kellu ċ-ċertifikati mediċi halli jkun f'pożizzjoni li jippreżenthom u b'hekk jissostanzja d-difiża tieghu.

Il-Qorti iżda qieset biss l-ammissjoni registrata mill-esponenti ghal ksur ta' nuqqas ta' firma, u xejn izjed.

B'dan il-mod l-esponent safa ingustament inflitt b'piena eċċessiva u sproporzjonata ghal ksur li ma jgib ebda konsegwenza serja.

Hija l-umli konvinzjoni tal-esponenti li, kieku Qorti qieset il-fatti li tagħhom gie misjub hati u analizzat il-grad ta' gravitá tal-ksur bil-mod kif kjarament imfisser fis-sentenza su citata, kienet tkun ferm aktar klementi mieghu.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti, mingħajr preġudizzju għall-aggravvji precedenti, li f'dan il-każ hemm lok għal temperament fil-piena f'wahda hafna aktar ekwa u gusta.

Rat ir-risposta tal Avukat Generali prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' April 2025 fejn stqarr li r-rekwizit tal-artiklu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa sodisfatt u fit-tieni lok l-piena mposta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi u ghalhekk m'ghandhiex tigi mibdula.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-mertu tar-rikors tal-appell u dan fis-seduta ta' 24 ta' April 2025.

**Ikkunsidrat,**

Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant isostni li l-ewwel Qorti ma ssodisfatx ir-rekwiziti li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[1]

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2003

[25.9.2003] ; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[2] "**Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat**[3] **Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[4] , **Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[5]; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[6] ; **Il-Pulizija vs. Stefan Abela**[7] u ohrajn).

Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "*ex officio*" ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[8] ; "**Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**[9]"] u ohrajn)

Issa ukoll skond il-gurisprudenza kostanti, meta l-Qorti tal-Magistrati tati s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom ikun misjub hati. Inoltre l-Qorti ghandha tindika taht liema akkuzi l-imputat ikun instab hati u minn liema hu jkun gie liberat. Jekk sentenza ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, dik is-sentenza tkun nulla. (ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Generoso Sammut**[10] **, Il-Pulizija vs. Piju Gafa**[11]**"; "Il-Pulizija vs. Francis Aquilina**[12]"; "**Il-Pulizija vs. Frans Portelli**[13]" u ohrajn) u din in-nullita' hija anki sollevabbli "ex officio" mill-Qorti tal-Appell (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Zammit**[14]" u ohrajn.).

Fil- kaz in desamina l-ewwel aggravju tal-appellant hu fis-sens li s-sentenza hija nulla u dan ghaliex fis-sentenza moghtija ma jirrizultax '*il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati taghhom'*. Issa l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma tat l-ebda indikazzjoni ghalfejn skond hi l-appellant kellu jinsab hati tal- imputazzjonijiet migjuba kontra

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 2002
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta Lulju 2002 u it-28 ta' Gunju 2002

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta' April, 2002
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta Settembru 2002
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta Mejju 2005
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-2 ta Frar 2006
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta Mejju 2004
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta Jannar 2005
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-13 ta Ottubru 2004
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-18 ta April 1959
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Novembru 1960
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta Marzu 1992
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-16 ta Jannar 1986

tieghu u dan minbarra l-fatt li l-istess Qorti lanqas biss nislet il-fatti tal-kaz odjern u ghalhekk mis-sentenza biss wiehed lanqas biss ikolllu hjiel fuq xhiex inhu l-kaz.

Dwar dan l-aggravju jinghad is-segwenti:-

Din il-Qorti ezaminat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs Emmanuel Zammit** u nnotat li f'dik is-sentenza giet trattata il-kwistjoni jekk meta sentenza tkun miktuba fuq ic-citazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti kif gara fil-kaz in desamina, u mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubbju dwar liema fatti l-akkuzat jkun gie misjub hati fejn dik il-Qorti sahhet li s-sentenza ghandha tigi salvata ghaliex ma hemmx post il-formalizmu.

Hawn hekk pero l-appellant mhux qed ighid hekk u ghalhekk ftit li xejn ghandha relevanza mal-kaz odjern , izda qed imur pass oltre u jispjega li skond l-artikolu 382 tal-kap 9, l-Qorti ghandha taghti raguni 'l ghala akkuzat jinstab hati u ghalhekk il-Qorti ghandha timmotiva is-sentenza taghha.

Il-Qorti ticcita l-ligi billi tirriproduci is-segwenti:-

**Artikolu 382: -**

> *"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandhatgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena ussemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkuntikkontempla r-reat"*

Dan qed jinghad ghad-differenza ta' l-**Artikolu 662(2)** li jipprovdi is-segwenti: -

> *"Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tiġi deċiża kwistjoni ta' liġi, għandu jkun fihaqabel kollox ir-raġunijiet li jkunu wasslu l-qorti għal dik id-deċiżjoni"*:

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur S. Tanti) Vs Omissis** [15] fejn saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joslann Brignone**[16] fejn intqal is-segwenti: -

> *"Din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li tesprimi ruha dwar nuqqasijiet simili fejn intqal Illi din mhux l-ewwel darba li minn din l-awla partikolari tal-Qrati tal-Magistrati qed jigu quddiemha sentenzi fuq kawzi dwar reati serjissimi privi mill-icken ombra ta' motivazzjoni w kellha okkazzjoni tirrimikarka avversament fuq din il-prassi w b' rinkrexximent kbir ser ikollha terga tirrepeti dak li rriteniet fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Joslann Brignone**" fejn gie ritenut* li :-
>
> *"…. din il-Qorti thossha ……fid-dmir li taghmel l-osservazzjoni segwenti. Qed jigri ta' spiss fil-Qrati tal-Magistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat is-sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax il-motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali.*
>
> *Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut ad validitatem ta' sentenzi u f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal- Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodici w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl-artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti.*

[15] Appell Kriminali Numru. 372/2006 deciz 21 ta Gunju 2007

[16] Appell Kriminali deciz fit-8 ta' Frar 2007

*Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f' dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f' dan il-kaz – f' din l-Awla partikolari, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-*

*"Ikkonsidrat"*

*" …. issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi.*

*"Illi tali stezura, ……. zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant. Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal- Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba ta' sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta." (ara ukoll App. Krim.* "**Il-Pulizija vs. James Grima**[17]")

Referenza ukoll f'dan ir-rigward hija lejn is-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Paul Chetcuti Caruana**[18] fejn inghad li: -

*Jibda biex jinghad illi l-appellant tressaq il-Qorti fuq procedura sommarja fid-distrett tal-Mosta f'liema kaz allura l-Qorti tal-Magistrati biex tissodisfa l-vot tal-ligi kien ikun bizzejjed li taghmel riferenza ghall-fatti kif esposti fic-citazzjoni, tindika l-artikoli tal-ligi u taghmel id-dikjarazzjoni ta' htija o meno u jekk ikun il-kaz, il-piena. M'ghandhiex ghalfejn terga'*

[17] Appell Kriminali deciz 8 ta Marzu 2007
[18] Appell Kriminali deciz 19 ta Frar 2014

*tirrepeti b'mod aktar dettaljat il-fatti kif jidhru fil-bidu tac-citazzjoni peress illi jekk ippruvati, l-Qorti tista' taghmel pjena riferenza ghalihom u xejn aktar.*

*F'dan il-kaz il-Qorti hekk ghamlet u teknikament ma hemm xejn hazin fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.*

*Però din il-Qorti tirrileva illi mhux il-kawzi kollha sommarji ghandhom jimxu bl-istess mod peress illi certa kawzi ghad illi jkunu bdew bi procedura sommarja jkunu ta' certa importanza u tajjeb illi tinghata motivazzjoni ghar-ragunament tal-Qorti. F'dan ilkaz il-motivazzjoni hija nieqsa kompletament u hawnhekk din il-Qorti thoss illi ghandha ticcensura 'l-Qorti tal-Magistrati peress illi f'kawza bhal din kien jimmerita motivazzjoni u konsiderazzjonijiet u mhux taqbad u tiddeciedi fuq il-htija o meno minghajr ma taghmel l-icken motivazzjoni jew konsiderazzjoni. Il-Magistrat ghandha taghraf tiddistingwi l-importanza ta' kawza minn ohra u fejn normalment forsi jkollha ragun illi ma jkollhiex ghalfejn tidhol fil-motivazzjoni, certa kawzi però min-natura taghhom stess jirrikjedu aktar studju, motivazzjoni u konsiderazzjonijiet, u dina hija proprja wahda minnhom fejn il-Qorti imissha tat aktar importanza ghas-serjetà ta' din il-kawza u l-konsegwenzi taghha. Hi x'inhi, però, bhal ma già inghad, teknikament l-ewwel Qorti kienet korretta bil-mod kif kitbet is-sentenza u ma tistax din il-Qorti tilqa' t-talba ta' nullità tal-appellant*

Illi ghalhekk in vista tad-diversi sentenzi li inghataw minn din il-Qorti diversament preseduta tali nuqqas ta' motivazzjoni kif sollevat mill-appellant ma jammontax ghan-nulilta ta' sentenza *stricto sensu* minkejja li jista jaghti l-kaz li jinpingi fuq id-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq sabiex ikun jaf ir-raguni li fuqha instab hati jew gie liberat.

Pero', sakemm issir emenda opportuna, ma hux il-kaz li sentenzi ta' din ix-xorta jigu annullati u ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

Dwar il-mertu l-appellant jistqarr li l-ewwel Qorti ghaddiet beix timponi piena minghajr apprezzament misthoqq tal-fatti tal-kaz u allura minghajr ebda ezami ta' kemm il-ksur tal-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest tista titqies li kienet gravi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Isostni li kien ghalhekk li l-ewwel Qorti infliggiet piena eccessiva u sproporzjonata u dan ghaliex il-ksur in kwistjoni ma hux wiehed ta' konsegwenza serja in linea ma diversi sentenzi decizi minn din il-Qorti citati minnu fir-rikors tal-appell.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta bic-car u cioe minn qari tal-verbal datat 17 ta' Frar 2025 u cioe mal-prezentata stess l-appellant irregistra ammissjoni ghar reat addebitat lilu. Illi minkejja li nghata zmien xieraq biex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu, l-appellant insista li jirregistra l-ammissjoni tieghu minghajr ma tlabbiex iressaq provi fir-rigward tal-piena u konsegwentement l-ewwel Qorti ma semghet l-ebda provi dwar l-allegat ksur tal-kundizzjoni imposta fid-digriiet tal-bail tal-25 ta' Ottubru 2023 moghti mill-Qorti tal-Magistrati. Illi ghalhekk minn esami tal-provi ma jirrizultax x'kien dan il-ksur. Illi ghalkemm l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu jghid li dan il-ksur kien jikkonsisti fil-fatt li naqas li jiffirma fi tlett okazzjonijiet din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjon ta tali allgazjoi ghaliex provi in sostern ta' tali allegazzjoi mill-atti ma hemmx.

Ghalhekk dan hu appell limitat ghal piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari illi dik il-piena kif kominata mhix wahda idonea ghac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz;

L-appellant jikritika l-piena erogata anke permezz ta' sentenzi ta' din il-Qorti li, izda, ma ghandhom l-ebda relevanza ghal-kaz in dizamina ghaliex jirreferu ghall-dawk ic-cirkostanzi fejn il-Qorti jkun jehtigilha taghmel ezami approfondit tal-fatti mill-gdid sabiex ikun accertat li l-ewwel Qorti qabilha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Dan ma huwiex il-kaz odjern fejn l-appellant instab hati fuq ammissjoni tieghu stess. Dak li din il-Qorti issa trid tezamina hu jekk l-ewwel Qorti setghetx tikkomina dik il-piena sabiex tkun certa li tali piena kienet fil-parametri tal-ligi u li ma kien hemm xejn x'jiddemostra li fil-fatt kellha tkun anqas

minn dik kominata. Altrimenti ma jkunx hemm lok li tkun disturbata id-diskrezzjoni afdata f'idejn l-ewwel Qorti;

L-ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet korretti u validi qabel ma erogat il-piena. Hadet qies in-natura tar-reat li dwaru instabet htija, l-karattru reflettarju tal-appellant kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu, l-ammissjoni bikrija tieghu kif ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Din il-Qorti rat qabel xejn il-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti u minn esam ta l-istess jirrizulta li l-appellant diga nstab hati ta' numru ta' reati u fost dawn ir-reati hemm diversi akkuzi li nstab hati taghhom fejn ikkommetta reat waqt l-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza kif ukoll waqt Ordni ta' Probation. Dan l-agir jiddemosta l-*mentis* tal-appellant li ma joqghodx ghal opportunitajiet li jinghata mill-Qorti u donnu jrid dejjem jisfida l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tant li minkejja li ingħata diversi sentenzi ta' priġunerija reġa' deher quddiem din il-Qorti akkużat li ma obdiex ordni mogħtija fid-digriet tal-libertà proviżorja. Rat illi l-ewwel *conviction* li kellu tirrelata għar-reat li ġie kommess minnu fis-sena 2006 dwar serq aggravat meta kien għad kellu 18 il-sena u baqa' għaddej bil-hajja ta' kriminalità. Dan ma jawgurax tajjeb ghac-ċirkostanzi tal-każ fid-dawl ta' nuqqas ta' provi oħra. L-appellant jrid jifhem li l-ordnijiet tal-Qorti iridu jiġu osservati dejjem anke jekk ma jaqbilx magħhom għaliex jekk le jerġa jsib ruħu quddiem il-Qorti u jkollu jiffaċċja pieni oħra.

Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni fdata esklussivament f'idejn l-ewwel Qorti li wara kollox mxiet b'reqqa u precizzjoni qabel ma erogat b'responsabilita' il-piena mertu tal-appell odjern, liema piena taqa' fil-parametri tal-ligi u piuttost taqa' lejn il-minimu taghha;

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.

| | |
|---|---|
| **Dr Consuelo Scerri Herrera** | **Maria Grech** |
| **Onor Imhallef** | **Deputat Registratur** |